MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 157/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attrici premettiet:

Illi l-attrici hija l-omm naturali tal-minuri Y li twieldet fil-21 ta' Settembru 2004, u tal-minuri X li ukoll twieled fil-21 ta' Settembru 2004 u dana minn relazzjoni li l-istess attrici kellha ma' Z kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Illi l-attrici A ilha snin tikkoabita ma' Z u m'ghadhiex tghix mal-konvenut zewgha B;

Illi l-imsemmija minuri jidher li gew dikjarati fuq ic-certifikat tat-twelid taghhom li l-missier naturali taghhom huwa il-konvenut B meta dan mhuwiex il-kaz. Illi ghalhekk l-attrici tixtieq illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel l-emendi u korrezjonijiet mehtiega fl-Att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri, tewmin, billi l-missier naturali tal-minuri jigi jaqra isem il-missier Z.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddeciedi u tiddikjara illi il-minuri X u Y ma humiex wild naturali tal-konvenut B.

2. tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi u korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat ta' l-atti tat-twelid tal-minuri Y, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv 3364 u l-att tat-twelid tal-minuri X li jgib in-numru progressiv 3365 u dana billi jithassar isem il-konvenut indikat B mill-kolonna li tiffigura missier il-minuri kif ukoll il-konnotati kollha ta' l-istess konvenut u tissostitwixxi l-istess bil-kliem "missier mhux maghruf" jew l-isem tal-missier naturali Z u dan fic-certifikat tat-twelid imsemmija u fejn jehtieg fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fit-2 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta' l-Artikolu 181(B) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi jehtieg illi l-minuri Y u X permezz ta' kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-interessi taghhom ikunu parti mill-kawza odjerna. Inoltre, jehtieg ukoll illi l-allegat missier naturali Z ikun parti minn dawn il-proceduri.

4. Illi l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali Z biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

5. Illi ghandha ssir id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tas-7 ta' Ottubru, 2005 illi permezz tieghu giet ordnata s-sejha fil-kawza ta' Z.

Rat l-attri processwali, u senjatament l-affidavits ta' l-attrici u Z.

Rat in-nota a fol 29 tal-process fejn gew indikati l-konnotazzjonijet ta' l-istess Z.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2006 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici titlob dikjarazzjoni illi t-trabi kellha u registrati bhala ulied ir-ragel tal-attrici u minnu separata bhala ta’ l-imsejjah fil-kawza Z. Dan ikkonferma bil-gurament. Il-konvenut baqa’ konumacji.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Josianne Giusti vs Pierre Giusti et deciza fis-16 ta’ Frar, 2001 kienet qalet hekk;

*Illi fil-mertu jirrizulta li fiz-zmien li setghet tigi koncepita t-tarbija l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut ... fl-istess waqt li f’dak iz-zmien ma kellhiex x’taqsam mar-ragel taghha. Din il-Qorti .. irriteniet illi din il-prova hija sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili (Spiteri pro et noe vs Cilia et, fost ohrajn 30 ta’ Jannar, 1998). Finalment hemm l-ammissjoni tal-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) tal-Kodici Civili), mehuda ma’ dawn ic-cirkostanzi l-ohra telimina kull dubbju f’mohh il-Qorti dwar il-paternita’ tat-tarbija.*

Il-Qorti ghandha l-istess konvinciment f’dan il-kawza u ma hemm ebda dubbju dwar it-talba attrici ghalkemm f’dan il-kaz ma hemmx ammissjoni. Pero’ mill-provi jirrizulta li t-trabi twieldu wara relazzjoni li twieldet bejn l-attrici u Z.

Rigward l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku l-Artikolu 254 japplika ghall-korrezjonijiet li jsiru skond il-procedura ndikata fl-artikolu precedenti u mhux f’kawzi simili. Ikun tajjeb pero’ li tigi segwita l-procedura msemmija fl-Artikolu 256 li ser tigi ordnata minn din is-sentenza u cioe’ li d-Direttur ikun obbligat li jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid fi zmien ghaxart ijiem li jigi notifikat b’kopja vera tas-sentenza stess.

**Ghaldaqstant il-Qorti fl-amissjoni tal-konvenuta;**

**1. tiddikjara li t-tfal imsemmija fic-citazzjoni m'humiex ulied il-konvenut;**

**2. tilqa' ukoll it-tieni talba.**

**L-ispejjes jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------